# “Il-Knejjes Kollha ta’ Kristu Jsellmulkom”

## (Rumani 16:16)

Fit-Testment il-Ġdid, id-dixxipli ta’ Kristu kienu msejħa “***Kristjani***” (Atti 11:26), mhux “din ix-xorta” ta’ Kristjani jew “dik ix-xorta” ta’ Kristjani. Huma kienu kollha membri tal-“***ġisem wieħed***” (Efesin 4:4), mhux ta’ denominazzjonijiet differenti. Il-knisja ta’ Kristu nfirxet f’ħafna postijiet, imma l-knejjes kollha (kongregazzjonijiet, mhux denominazzjonijiet) kienu jemmnu u jgħallmu *l-istess* verità. Huma kienu “l-knejjes ta’ Kristu” (Rumani 16:16; Galatin 1:22).

Ejjew u mmorru lura għall-Bibbja u nonoraw l-isem ta’ Kristu, speċjalment fil-knisja, għaliex—

**Il-Pedament Tagħha Hu Kristu**
**1 Korintin 3:11**
*“Pedament ieħor ħadd ma jista’ Jqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed; U dan hu Ġesu Kristu.”*

**Kienet Mibnija minn Kristu**
**Mattew 16:18b**
*“…Fuq din il-blata nibni l-knisja Tiegħi…”*

**Il-Knisja Hi Ta’ Kristu**
**Mattew 16:18**
*“Il-Knisja Tiegħi.”*

**Kienet Mixtrija Minn Kristu**
**Atti 20:28**
*“…Il-knisja ta’ Alla li hu kiseb b’demmu stess.”*

**L-Uniku Ras Tagħha Hu Kristu**
**Kolossin 1:18**
*“Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-knisja.”*

**Hija l-Ġisem ta’ Kristu**
**Efesin 1:22-23**
*“Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha, li hi Ġismu…”*

**Hija Tgħallem id-Dottrina ta’ Kristu**
**2 Ġwanni 9**
*“Jekk xi ħadd jaqbeż ’il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta’ Kristu, dan ma għandux li Alla fih. Imma min jibqa’ fit-tagħlim ta Kristu, għandu l-Missier u l-Iben fih.”*

**Hija l-Għarusa ta’ Kristu**
**Efesin 5:25**
*“Irġiel, ħobbu lin-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-knisja, u ta ħajtu għaliha.”*

**Is-Salvatur Tagħha Hu Kristu**
**Efesin 5:23**
*“…Kristu hu ras il-knisja, is-Salvatur tal-ġisem tiegħu.”*

**Hija Mqaddsa minn Kristu**
**Efesin 5:26**
*“U dan għamlu biex iqaddisha u nad-dafha bil-ħasil ta’ l-ilma u l-kelma u biex iressaqha quddiemu, din il-knisja sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb u b’xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd.”*